MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Numru. 109/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**vs**

**Michael Mifsud**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Michael Mifsud ta’ 20 sena, iben Francis u Maria Dolores nee’ Curmi, imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Dicembru 1985 u residenti ‘Golden Eagle’ Trejqet San Frangisk, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 12286(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:
Nhar l-1 ta’ Frar 2006 bejn is-01.00hrs u 03.00hrs fiz-Zejtun waqt li kien ma zewg persuni ohra bil-hsieb li jikkommetti delitt u cioe reat ta’ serq minn Honey Point Confectionary liema attentat ta’ serq jikwalifika bil-

vjolenza, bil-mezz u bil-hin waqt li wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Frar 2006 (esebit *a folio 14* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-2 ta' Frar 2006 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Rat li ghalkemm id-Difiza inghatat zmien xieraq sabiex tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet finali taghha naqset li taghmel dan fiz-zmien lilha preskritt.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-1 ta' Frar 2006 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu waqt li kienet qed issir ronda minn PS 249 u PC 606 fl-inhawi tas-suq taz-Zejtun huma innutaw persuna suspettuza liebsa balaclava u ingwanti bojod tal-lastiku, huma nizlu mill-vettura tas-servizz u grew wara din il-persuna u dan meta rahom neza il-balaclava u remiha mal-art. Il-Pulizija rnexxilhom jaqbdu lil din il-persuna li rrizulta li kien l-imputat odjern u gabru l-balaclava li huwa kien rema' mal-art minn ftit metri l-boghod. Huwa gie arrestat u nterrogat izda rrifjuta li jirrispondi ghad-domandi li sarulu (ara stqarrija minnu rilaxxjata u esebita a fol. 32 u 33 tal-process). Mill-provi rrizulta li huwa nstab fuq il-post minghajr ebda mezz ta' transport u minghajr flus fuqu u dan fis-sighat bikrin ta' filghodu. Mill-provi rrizulta wkoll li huwa jghix Haz-Zabbar. F'dawn il-proceduri rrizulta wkoll li

l-ghada dahal rapport fl-Ghassa taz-Zejtun fejn Neville Cutajar is-sid ta' Honey Point Confectionery li tinsab fl-inhawi fejn inqabad l-imputat ghamel rapport li kien sar attentat ta' serq mill-hanut tieghu liema attentat ta' serq gie sfrattat minn certu Raymond Cassar u dan Cutajar ghadda borza kontenenti baseball cap u towing tyre lever, turnavit u surgical gloves li dan Cassar kien gabar minn fuq il-post. L-imsemmi Raymond Cassar xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tat-8 ta' Gunju 2007 fejn spjega li fil-lejl bejn it-28 ta' Frar 2006 u l-1 ta' Marzu 2006 ghall-habta tan-12.30am huwa kien qed jipparkeggja it-trukk tieghu quddiem hanut tal-pasti bl-isem ta' Honey Point li hemm hdejn is-suq taz-Zejtun meta ra erba' persuni mghamdin quddiem il-hanut bl-ingwanti bojod u dawn meta rawh telqu kollox minn idejhom u harbu minn fuq il-post. Dan ix-xhud jghid li ra lil dawn l-erba' min-nies jarmu cima, turnavit u ingwanti bojod. Dan ix-xhud jghid li wara li ivverifika li il-katnazz tal-hanut ma kienx mimsus, gabar l-affarijiet li kienu ntremew minn dawn l-erba' min-nies li harbu jigru u l-ghada ikkonsenjahom lil Neville sid il-hanut li kien habib tieghu.

Neville Cutajar il-propjetarju tal-hanut bl-isem Honey Point Confectionery wkoll xehed fl-udjenza tat-8 ta' Gunju 2007 fejn indika li xi gurnata f'Marzu li kienet l-Erbgha, izda li d-data preciza ma jiftakarhiex, kien mar jaghmel rapport fl-ghassa taz-Zejtun li fil-lejl ta' qabel Raymond Cassar kien infurmah li kien ra xi nies ser jisgassaw ix-shutter tal-hanut tieghu u dan Cassar kien ikkonsenjalu xi affarijiet li kien gabar minn fuq il-post u huwa (Cutajar) ghadda l-istess affarijiet lil Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri gew mahtura zewg esperti, wiehed Christopher Farrugia, sabiex jezamina il-balaclava li giet migbura minn fuq il-post minn PC606 u l-Maggur 249 fl-1 ta' Frar 2006 u l-ohra Dr. Marisa Cassar. Mix-xhieda ta' Christopher Farrugia (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 43 u 44 tal-atti processwali) u mir-rapport relattiv inserit a fol. 45 sa 47 tal-process irrizulta li l-imsemmi espert irnexxielu jeleva xi kampjuni ta xaghar li kienu fil-balclava

u li huwa rnexxielu jiehu DNA profile minn dan il-kampjun ta’ xaghar. L-inkarigu moghti lil Dr. Marisa Cassar kien fis-sens illi hija kellha taghmel ezami komparattiv bejn id-DNA profile mahrug mill-espert Christopher Farrugia u d-DNA profile tal-imputat u din l-espert (vide rapport esebit a fol. 56 u 57 tal-process) ikkonkludiet li l-profil genetiku tal-imputat kien jaqbel ma dak li kien inhareg mill-balaclava.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat bl-attentat ta’ serq li allegatament sehh fl-1 ta’ Frar 2006 bejn is-1.00am u t-3.00am minn Honey Point Confectionery, iz-Zejtun. Wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex iggib provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat fl-1 ta’ Frar 2006 ipprova jisraq mill-fond Honey Point Confectionery u li dan is-serq ma sarx minhabba xi haga indipendenti mill-volonta’ tieghu. Dan jinghad ghaliex filwaqt li mix-xhieda ta’ PS 249 u PC606 jirrizulta li huma grew wara u qabdu lill-imputat fl-1 ta’ Frar 2006, mix-xhieda ta’ Raymond Cassar u minn dik ta’ Neville Cutajar irrizulta li Cassar ra erba’ persuni li dehrlu li kienu ser jippruvaw jisirqu mill-Honey Point Confectionery f’ Marzu 2006 filwaqt li Neville Cutajar ukoll jirreferi ghal data bejn it-28 ta’ Frar u l-1 ta’ Marzu 2006. Kull ma rnexxilha tipprova l-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz huwa ghalhekk li l-imputat twaqqaf mill-Pulizija minhabba agir suspettuz fl-1 ta’ Frar 2006 u li f’Marzu 2006 Raymond Cassar ra xi persuni jagixxu b’mod suspettuz quddiem il-Honey Point Confectionery u wara li dawn telqu jigru minn fuq il-post huwa sab xi oggetti li setghu jigu konnessi ma attentat ta’ serq. Fil-fehma tal-Qorti izda il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li fl-1 ta’ Frar 2006, u cioe’ fid-data indikata fl-akkuza u fid-data li mill-provi rrizulta li l-imputat twaqqaf mill-Pulizija sar attentat ta’ serq mill-fond Honey Point Confectionery u li l-imputat kien wiehed mill-persuni nvoluti f’dan l-attentat ta’ serq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------